**Politika tal-Parlament Ewropew dwar il-Protezzjoni bil-Video**

**Adottata mid-**
**Direttur Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tal-**
**Parlament Ewropew**

**Aġġornata f'Jannar 2022**

## Werrej

1. Kamp ta' applikazzjoni ........ 3
2. Limitazzjoni tal-iskop ........ 3
3. Bażi ġuridika ........ 3
4. Żoni taħt protezzjoni ........ 4
   4.1. Protezzjoni bil-video *ad hoc* ........ 4
5. L-informazzjoni personali li tinġabar u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema ........ 5
6. Aċċess għall-immaġnijiet u żvelar tal-informazzjoni ........ 5
   6.1 Drittijiet ta' aċċess għall-aġenti u l-amministraturi tas-sistema ........ 5
   6.2 Żvelar u trasferimenti ........ 6
7. Perjodu ta' żamma ........ 6
8. Miżuri ta' sigurtà ........ 6
9. Informazzjoni lill-pubbliku ........ 7
10. Id-drittijiet tas-suġġetti tad-data ........ 7
11. Id-dritt li jitressaq ilment ........ 8
12. Konsultazzjonijiet u awditjar intern tal-protezzjoni tad-data ........ 9

## 1. Kamp ta' applikazzjoni

Id-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tal-Parlament Ewropew (minn hawn 'il quddiem "DĠ SAFE") juża l-protezzjoni bil-video sabiex **jissorvelja żoni, avvenimenti, attivitajiet jew persuni speċifiċi permezz ta' sistema ta' sorveljanza viżiva** magħrufa bħala televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV).

Din il-politika dwar il-protezzjoni bil-video **tiddeskrivi s-sistema ta' protezzjoni bil-video tal-Parlament Ewropew, l-iskop u l-użu tagħha, u s-salvagwardji** fis-seħħ biex jiġu mħarsa d-drittijiet personali tas-suġġetti tad-data kif previst mir-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament (UE) 2018/1725").

## 2. Limitazzjoni tal-iskop

Is-sistema ta' protezzjoni bil-video tipprovdi appoġġ biex jiġu ggarantiti s-sigurtà u s-sikurezza kif stabbilit mir-regoli li jirregolaw is-sigurtà u s-sikurezza fil-Parlament Ewropew[1].

Għaldaqstant, id-DĠ SAFE jiddependi fuq is-sistema ta' protezzjoni bil-video biex **jipprevjeni, jiskoraġġixxi jew jiġġestixxi t-theddid possibbli għall-ordni u s-sigurtà, inkluż aċċess fiżiku mhux awtorizzat** għall-bini tal-Parlament Ewropew jew għal żoni ristretti jew sensittivi, għall-infrastruttura tal-IT jew għall-informazzjoni.

Id-DĠ SAFE jista' wkoll juża l-filmati tas-CCTV **bħala parti minn inkjesti dwar is-sigurtà u investigazzjonijiet awżiljarji** mwettqa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu.

Trasferimenti ta' reġistrazzjonijiet tas-CCTV isiru biss skont il-kundizzjonijiet deskritti fit-Taqsima 6.2: "Żvelar u trasferimenti".

Is-sistema ta' protezzjoni bil-video ma tintuża għall-ebda skop ieħor[2].

## 3. Bażi ġuridika

L-użu tas-sistema ta' protezzjoni bil-video tal-Parlament Ewropew huwa rregolat mill-bażijiet ġuridiċi li ġejjin:

- Il-Parlament Ewropew - Deċiżjoni tal-Bureau tal-15 ta' Jannar 2018 dwar ir-regoli dwar is-sigurtà u s-sikurezza fil-Parlament Ewropew (2018/C 79/04);
- Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-

[1] Il-Parlament Ewropew - Deċiżjoni tal-Bureau tal-15 ta' Jannar 2018 dwar ir-regoli dwar is-sigurtà u s-sikurezza fil-Parlament Ewropew (2018/C 79/04).
[2] L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE;
- Il-Parlament Ewropew - Deċiżjoni tal-Bureau tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati mar-Regolament (UE) 2018/1725;
- Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2013 rigward ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew, ĠU C 96, 1.4.2014, p. 1;
- Il-Politika dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni fil-Parlament Ewropew tat-2 ta' Ġunju 2020, Geda (D(2020)14287).

## 4. Żoni taħt protezzjoni

Id-DĠ SAFE jiddeċiedi dwar il-postijiet fejn jitpoġġew il-kameras, l-angoli tal-viżjoni tagħhom u ż-żoni taħt protezzjoni bil-video, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-linji gwida tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data[3].

Il-kameras jitpoġġew wara valutazzjoni tar-riskju sabiex jiġi żgurat li jkunu jħarsu biss lejn l-iktar postijiet, żoni u perspettivi rilevanti ġewwa u barra l-bini u b'hekk tkun garantita l-konformità xierqa ma' din il-politika.

Iktar speċifikament, il-kameras jiġu installati biex jissorveljaw il-punti tad-dħul u l-ħruġ tal-bini u fil-viċinanza immedjata tiegħu, inklużi ż-żoni ta' aċċess pubbliku (bħall-entraturi prinċipali, il-punti ta' ħruġ ta' emerġenza u f'każ ta' nar, id-daħliet għall-parkeġġi, il-punti fejn jitniżżlu l-VIPs, l-Esplanade, eċċ.). Barra minn hekk, il-kameras jissorveljaw diversi turġien jew punti ta' konnessjoni importanti, kif ukoll żoni ta' importanza kbira li jirrikjedu sigurtà addizzjonali, bħal żoni li fihom assi ta' valur, informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva, jew l-hekk imsejħa "kmamar sensittivi" u żoni b'aċċess ristrett.

Iż-żoni fejn huwa mistenni livell għoli ħafna ta' privatezza, bħall-uffiċċji individwali jew iż-żoni ta' rikreazzjoni, mhumiex issorveljati.

Is-sorveljanza barra l-bini tal-Parlament hija limitata għall-perimetru minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' din il-politika, u ssir f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

### 4.1. Protezzjoni bil-video *ad hoc*

F'każijiet debitament ġustifikati, id-DĠ SAFE jista' juża l-protezzjoni bil-video *ad hoc* għal skop speċifiku u għal perjodu limitat ta' żmien.

Il-kameras użati għall-protezzjoni bil-video *ad hoc* jiġu installati wara talba bil-miktub u awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ SAFE.

Il-protezzjoni bil-video *ad hoc* tista' tintuża għal perjodu ta' mhux iktar minn xahar. Kull estensjoni ta' dan il-perjodu tirrikjedi li l-proċedura msemmija hawn fuq tiġi ripetuta.

---

[3] Il-linji gwida huma disponibbli fuq:
https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/10-03-17_video-surveillance_guidelines_en.pdf u fuq:
https://edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/guidelines/video-surveillance-follow_en

Il-kameras jirrekordjaw biss waqt ħinijiet iddefiniti minn qabel.

L-immaġnijiet irreġistrati permezz tal-protezzjoni bil-video *ad hoc* ma jinħażnux, ħlief fejn indikat bħala rilevanti għall-finijiet ta' inkjesta dwar is-sigurtà, f'liema każ jinħażnu mal-investigazzjoni.

F'każijiet debitament ġustifikati u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, il-protezzjoni bil-video *ad hoc* tista' tiġi installata bil-moħbi.

## 5. L-informazzjoni personali li tinġabar u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema

Is-sistema ta' protezzjoni bil-video tal-Parlament Ewropew hija sistema ta' CCTV standard. Il-kameras kollha joperaw 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

Il-biċċa l-kbira tal-kameras jirreġistraw biss varjazzjonijiet fil-pixels, jiġifieri l-aċċess għal immaġnijiet sura jiddependi mid-detezzjoni ta' moviment mis-sistema. Is-sistema tirreġistra kwalunkwe moviment li jinqabad mill-kameras fiż-żona taħt protezzjoni, flimkien mal-ħin, id-data, u l-post. F'dak il-każ, il-kwalità tal-immaġni tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni jew dettalji oħra fil-filmat.

Kull kamera, kemm jekk tkun tad-detezzjoni tal-moviment kif ukoll jekk le, hija soġġetta għall-istess miżuri stretti ta' sigurtà.

Attwalment, is-sistema ma tużax CCTV li tirrekordja l-awdjo. Il-Parlament Ewropew ma jużax webcams għall-protezzjoni bil-video.

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725, is-sistema tal-protezzjoni bil-video mhijiex maħsuba biex tiġbor kategoriji speċjali ta' data.

## 6. Aċċess għall-immaġnijiet u żvelar tal-informazzjoni

### 6.1 Drittijiet ta' aċċess għall-aġenti u l-amministraturi tas-sistema

Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ SAFE (minn hawn 'il quddiem "il-kontrollur tad-data") biss huwa awtorizzat jagħti, jibdel jew jirrevoka d-drittijiet ta' aċċess.

Id-drittijiet ta' aċċess jingħataw lill-utenti fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif (dawk li għalihom l-aċċess huwa strettament meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom) u huma limitati għall-iskop tal-politika preżenti tas-CCTV, kif ukoll biex issir manutenzjoni teknika tas-sistema.

Id-DĠ SAFE jżomm rekord intern tad-drittijiet ta' aċċess u jirreġistra b'mod sistematiku kwalunkwe estrazzjoni ta' filmati. L-estrazzjoni tal-filmat għall-manutenzjoni teknika ssir mingħajr viżwalizzazzjoni tal-immaġnijiet.

### 6.2 Żvelar u trasferimenti

Id-DĠ SAFE jista' jiżvela jew jittrasferixxi filmati tas-CCTV lis-servizzi tas-sigurtà ta' istituzzjonijiet Ewropej oħra jew lill-awtoritajiet tas-sigurtà, ġudizzjarji jew tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru tal-UE. Dawn it-trasferimenti jistgħu jseħħu biss fuq talba minn dawn il-partijiet – ma jsirux trasferimenti regolari jew ta' rutina – u skont il-proċedura deskritta f'din it-taqsima[4].

Kwalunkwe żvelar jew trasferiment huwa soġġett għall-approvazzjoni tal-kontrollur tad-data, għal valutazzjoni rigoruża tal-ħtieġa ta' dan l-iżvelar jew dan it-trasferiment, u għall-parir tas-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew.

F'każijiet li jinvolvu Membru tal-Parlament, tkun meħtieġa l-approvazzjoni formali tal-President tal-Parlament Ewropew. F'każijiet li jinvolvu membru tal-persunal, tkun meħtieġa l-approvazzjoni formali tas-Segretarju Ġenerali.

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew jiġi nnotifikat dwar kwalunkwe żvelar jew trasferiment.

Id-DĠ SAFE jiddokumenta l-proċess mill-bidu sal-aħħar.

## 7. Perjodu ta' żamma

Id-DĠ SAFE jżomm il-filmati tas-CCTV għal perjodu ta' xahar.

Il-filmati miksuba bħala parti minn investigazzjoni dwar is-sigurtà jinżammu sakemm tintemm l-investigazzjoni u, fejn rilevanti, jiġu arkivjati flimkien mal-investigazzjoni għal massimu ta' 10 snin. Id-DĠ SAFE jiddokumenta din iż-żamma b'mod rigoruż.

## 8. Miżuri ta' sigurtà

Il-Parlament Ewropew juża l-aħjar soluzzjonijiet teknoloġiċi disponibbli li jirrispettaw il-privatezza, skont il-prinċipji ta' "privatezza mid-disinn" u ta' "minimizzazzjoni tad-data".

Id-DĠ SAFE jiddependi fuq għadd ta' miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi biex jipproteġi d-data li tinsab fil-filmati tas-CCTV.

Għaldaqstant, is-sistema tas-CCTV mhija konnessa mal-ebda sistema oħra esterna għall-Parlament Ewropew u hija aċċessibbli biss minn persunal li jiġi awtorizzat speċifikament mid-DĠ SAFE. Id-DĠ SAFE jikkripta l-fajls tal-video arkivjati matul il-perjodu ta' żamma tagħhom u jirreġistra fid-dettall kwalunkwe manipulazzjoni tas-sistema.

Barra minn hekk, id-DĠ SAFE jara li l-ksib tad-drittijiet ta' aċċess ikun soġġett għal taħriġ intern obbligatorju u impenji ta' kunfidenzjalità.

---

[4] Id-DĠ SAFE ma jilqax talbiet għal "estrazzjoni ta' data" jew il-proċess ta' analiżi tad-data minn perspettivi differenti biex minnha tinħareġ informazzjoni ġdida utli.

Id-DĠ SAFE b'mod sistematiku joskura l-filmati li jistgħu jwasslu għall-identifikazzjoni ta' persuni mhux involuti f'inkjesta dwar is-sigurtà jew investigazzjoni awżiljarja.

L-arranġamenti meħtieġa biex jiġi żgurat li s-sistema ta' protezzjoni bil-video tal-Parlament Ewropew tkun tista' topera f'każ ta' qtugħ tad-dawl qegħdin fis-seħħ, biex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet minimi ta' sikurezza u sigurtà.

## 9. Informazzjoni lill-pubbliku

Il-Parlament Ewropew jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku dwar is-sistema ta' protezzjoni bil-video billi:

- ipoġġi avviżi fuq il-post biex javża lill-pubbliku li qiegħda ssir sorveljanza u biex jagħtih l-informazzjoni essenzjali dwar l-ipproċessar ta' tali sorveljanza;
- jagħmel sommarju tal-politika dwar il-protezzjoni bil-video disponibbli fir-reception desks u fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew;
- jagħmel il-politika tal-protezzjoni bil-video disponibbli fuq l-intranet u fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew.

Għal kull wieħed minn dawn it-tliet metodi, jiġi pprovdut indirizz elettroniku għal iktar mistoqsijiet u informazzjoni dwar id-drittijiet rispettivi tas-suġġett tad-data.

## 10. Id-drittijiet tas-suġġetti tad-data

Id-DĠ SAFE jgħarraf individwalment lil kwalunkwe persuna li tiġi identifikata bil-kamera jekk tkun tapplika xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

Kull meta d-DĠ SAFE:

- iżomm l-identità tagħha f'fajl;
- iżomm l-identità tagħha lil hinn mill-perjodu ta' żamma regolari;
- juża l-filmat fi proċedimenti li jinvolvu lill-individwu;
- jiżvela jew jittrasferixxi l-immaġnijiet barra mid-DĠ SAFE.

Il-membri tal-pubbliku għandhom id-dritt jeżerċitaw id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 billi jindirizzaw kwalunkwe talba lill-kontrollur tad-data:

**Il-Kontrollur tad-Data** tal-Protezzjoni bil-Video tal-Parlament Ewropew
**Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni**
Rue Wiertz 60, B-1047 Bruxelles
Indirizz elettroniku: SAFE.dataprotection@europarl.europa.eu

Id-DĠ SAFE jibgħat **konferma tal-irċevuta** lis-suġġett tad-data fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba[5].

Dwar is-sustanza tal-mistoqsija, id-DĠ SAFE **jwieġeb lis-suġġett tad-data fi żmien 30 jum kalendarju** sakemm ma jkunx hemm raġuni leġittima li twaqqaf lill-kontrollur tad-data milli jżomm mal-iskadenza. Il-kontrollur tad-data għandu jinforma lis-suġġett tad-data dwar kwalunkwe dewmien possibbli u r-raġunijiet għal dan.

Sabiex jaċċessaw id-data tagħhom, is-suġġetti tad-data jridu jagħtu prova tal-identità tagħhom li ma tħalli l-ebda dubju, u jridu jindikaw – kull meta jkun possibbli – id-data, il-ħin, il-post u ċ-ċirkostanzi tal-filmat li jixtiequ jaċċessaw, u jridu jipprovdu ritratt riċenti tagħhom biex jippermettu lid-DĠ SAFE jidentifikahom mill-immaġnijiet eżaminati.

**Il-kontrollur tad-data jista' jirrifjuta li jaġixxi fuq talba minn suġġett tad-data jekk tkun manifestament bla bażi jew eċċessiva**, b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħha[6]. Id-DĠ SAFE jivvaluta dan fuq bażi ta' każ b'każ. Il-kontrollur tad-data jġorr ir-responsabbiltà li juri n-natura manifestament infondata jew eċċessiva tat-talba.

F'każ ta' talba kumplessa ħafna, jew meta t-talba x'aktarx li tirriżulta f'riskju għad-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-data oħra, il-kontrollur tad-data għandu jikkonsulta lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew ma jitlob l-ebda ħlas mingħand l-applikanti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom rigward il-protezzjoni tad-data.

**Il-kontrollur tad-data jista' japplika restrizzjonijiet għad-drittijiet mogħtija lis-suġġetti tad-data** mir-Regolament (UE) 2018/1725 fejn **l-eżerċizzju ta' tali dritt jipperikola l-iskop tal-investigazzjoni dwar s-sigurtà[7].** Id-DĠ SAFE jeżamina din il-possibbiltà fuq bażi ta' każ b'każ u, fejn applikabbli, jiddokumenta l-proċess kif xieraq u jinforma lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe restrizzjoni bħal din.

## 11. Id-dritt li jitressaq ilment

Kull individwu għandu d-dritt li jressaq ilment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (indirizz elettroniku: edps@edps.europa.eu) jekk iqis li d-drittijiet tiegħu skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 inkisru b'konsegwenza tal-ipproċessar tad-data personali tiegħu mill-Parlament Ewropew. Id-DĠ SAFE jirrakkomanda li l-individwi jfittxu li jiksbu iktar informazzjoni qabel jagħmlu dan, billi jikkuntattjaw lil:

> **Il-Kontrollur tad-Data** tal-Protezzjoni bil-Video tal-Parlament Ewropew:
> **Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni**
> Rue Wiertz 60, B-1047 Bruxelles
> Indirizz elettroniku: SAFE.dataprotection@europarl.europa.eu

---

[5] Din il-konferma tal-irċevuta ma tkunx meħtieġa jekk tingħata tweġiba sostantiva għat-talba fl-istess limitu ta' żmien ta' ħamest ijiem tax-xogħol. It-tweġiba għandha tintbagħat lis-suġġett tad-data sal-iskadenzi previsti mill-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

[6] L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

[7] L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati mar-Regolament (UE) 2018/1725.

u/jew

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewrope

Telefon: +352 4300 23595

Indirizz elettroniku: data-protection@ep.europa.eu

Il-membri tal-persunal jistgħu wkoll jitolbu rieżami mill-awtorità tal-ħatra tagħhom skont l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal.

## 12. Konsultazzjonijiet u awditjar intern tal-protezzjoni tad-data

Il-Parlament Ewropew jopera s-sistema ta' protezzjoni bil-video tiegħu f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-DĠ SAFE kkonsulta lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew meta fassal din il-politika.

Id-DĠ SAFE jwettaq rieżamijiet perjodiċi tal-protezzjoni tad-data sabiex jivvaluta jekk:

- huwiex qiegħed jimplimenta l-politika tal-protezzjoni bil-video b'mod korrett (verifika tal-konformità);
- ikunx għad hemm ħtieġa ta' sistema ta' protezzjoni bil-video;
- is-sistema tkunx għadha taqdi l-iskop dikjarat tagħha;
- għadux il-każ li ma hemmx alternattivi adegwati disponibbli;
- ikunx qed jiġi implimentat b'mod regolari eżerċizzju ta' minimizzazzjoni tad-data.